MCCAA

MALTA COMPETITION AND
CONSUMER AFFAIRS AUTHORITY

MIZZI HOUSE, NATIONAL ROAD,
BLATA L-BAJDA ĦMR9010,
MALTA

+356 2395 2000

**AVVIŻ PUBBLIKU MAĦRUĠ MILL-AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR) FI ĦDAN L-AWTORITA` TA' MALTA GĦALL-KOMPETIZZJONI U GĦALL-AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR**

23 ta' Lulju 2020

L-Aġent Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur), skont l-Artikolu 8 tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378), qiegħda toħroġ dan l-Avviż Pubbliku li bih qed tidentifika u tgħarraf lill-pubbliku li dan il-kummerċjant:

**Kevin Sciberras - Digital Eye**

ma onorax diversi deċiżjonijiet mogħtija mit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi:

fl-ewwel każ, it-Tribunal laqa' t-talba tal-konsumatur u ordna lis-Sur Sciberras biex iħallas is-somma ta' €1,200 wara li naqas milli jipprovdi lir-rikorrenti l-prodott finali u editjat ta' vidjows, ritratti u DVDs tat-tieġ tiegħu;

fit-tieni każ, is-Sur Sciberras ġie ordnat jirrifondi s-somma ta' €600 lill-koppja li kienet ħallsitu depożitu għal servizzi fotografiċi tat-tieġ tagħhom;

fit-tielet każ, it-Tribunal ordna lis-Sur Sciberras iħallas lill-koppja s-somma ta' €1,300; b'€1,000 minnhom minħabba n-nuqqas tiegħu li jonora l-ftehim li kellu mal-koppja għal servizzi ta' fotografija għat-tieġ tagħhom, u €300 oħra f'danni morali;

fir-raba' każ, is-Sur Sciberras ġie ordnat jagħti lill-koppja l-*pen-drive* u l-vidjow tat-tieġ tagħhom fi żmien ġimgħa mid-data tad-deċiżjoni, u jekk jonqos milli jagħmel dan, kellu jħallas €400 lill-koppja.

F'dawn l-erba' deċiżjonijiet, it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi ddeċieda wkoll li l-ispejjeż għandhom jitħallsu mill-intimat.

Grace Stivala
Aġent Direttur Ġenerali (Affarjiet tal-Konsumatur)